**211. L-Onor Mario De Marco MP u l-Onor Marthese Portelli MP jipproponu:**

## MOZZJONI GĦAL DIBATTITU SABIEX IL-GVERN IRAĦĦAS MINNUFIH IL-PREZZ TAL-PETROL U D-DIESEL

Billi hu fatt magħruf:

ILLI l-prezz internazzjonali taż-żejt niżel drastikament f'dawn l-aħħar xhur, tant illi bejn Ġunju u Diċembru 2013, il-prezz internazzjonali taż-żejt niżel minn 100 dollaru l-barmil għal 44 dollaru l-barmil, tnaqqis ta' iktar minn 55%.

ILLI f'Malta il-poplu Malti u Għawdxi qed iħallas l-għola prezzijiet tad-diesel u petrol, meta wieħed iqis il-prezz bla taxxa, fl-iStati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea u dan kif ikkonfermat ukoll minn statistika uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ILLI anke meta wieħed jinkludi t-taxxa, f'Malta il-poplu Malti u Għawdxi xorta waħda għadu qiegħed iħallas fost l-għola prezzijiet u ferm ogħla minn dak illi qed iħallsu għalih dawk illi jgħixu f'pajjiżi Stati Membri Ewropej oħra.

ILLI l-pajjiżi Stati Membri Ewropej kollha raħħsu l-prezz tal-diesel u l-petrol biex il-waqgħa fil-prezz internazzjonali jgawdi minna l-konsumatur, imma f'Malta le. F'Malta l-prezzijiet tad-diesel u tal-petrol baqgħu 1-istess u 1-konsumatur Malti għadu qiegħed iħallas prezzijiet għolja bla ebda raġuni.

ILLI f'Malta l-poplu Malti u Għawdxi qed iħallas l-istess prezz li kien iħallas meta l-prezz internazzjonali taż-żejt kien aktar mid-doppju ta' dak li hu llum.

Għaldaqstant u fid-dawl ta' dan kollu din il-Kamra:-

Titlob lill-Gvern sabiex iraħħas minnufih il-prezz tal-petrol u tad-diesel, kif għamlu l-pajjiżi kollha Stati Membri Ewropej, b'mod li jirriflettu r-roħs sostanzjali fil-prezz internazzjonali taż-żejt.

26.01.15

**Il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, l-Onor. Konrad Mizzi, ressaq din l-emenda:-**

"Ħassar il-kliem wara "Billi hu fatt magħruf:" u minflok daħħal dan li ġej:-

Il-Gvern poġġa fiċ-ċentru tal-politika tiegħu roħs ta' 25 fil-mija fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-familji u n-negozji u daħħal stabbiltà fil-prezz tal-fjuwil u gass. Żewġ wegħdi elettorali li twettqu diġà fl-ewwel sentejn ta' din l-amministrazzjoni, anke saħansitra qabel beda jorħos il-prezz taż-żejt f'pajjiżna.

Il-politika tal-enerġija ta' dan il-Gvern tat il-frott tagħha.

L-ekonomija qed tikber u n-nies għandhom iktar flus fil-but.

Il-Gvern jinnota li filwaqt li l-prezz taż-żejt huwa volatili u jinbidel minn jum għall-ieħor, il-politika ta' dan il-Gvern fir-rigward tal-prezzijiet tal-fjuwils qed tħalli effetti ta' stabbiltà.

Il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin ibbenefikaw minn seba' darbiet roħs fil-petrol u ħames darbiet roħs fil-prezz tad-*diesel* f'inqas minn sentejn.

Kemm ilha tiġi segwita din il-politika ta' stabbilità l-familji u n-negozji gawdew minn ċertezza u bosta drabi prezz irħas mill-medja Ewropea.

Dan dawwar *trend* ċara fl-amministrazzjoni preċedenti fejn il-prezzjiet tal-enerġija kienu żdiedu b'20% fil-prezz tad-dawl, ilma u fjuwil fl-istess ħin li l-prezz internazzjonali taż-żejt kien naqas b'51%.

Il-Kamra tħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli jaħdem biex ikompli joffri stabbilità lill-familji u negozji Maltin flimkien ma' prezzijiet kompetittivi sabiex is-settur tal-enerġija, minn mażżra kif kien fi żmien l-amministrazzjoni preċedenti jkompli jiddawwar f'opportunità ekonomika għal pajjiżna.

Il-prezz tal-fjuwils ser ikompli jorħos fuq medda ta' xhur."

**L-emenda għaddiet b'votazzjoni f'Seduta 237, it-Tnejn, 9 ta' Frar 2015.**